MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 18/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Emanuela Cauchi ta' 67 sena bint Emanuel u Carmela nee' Said, imwiela ir-Rabat, Ghawdex nhar il-25 ta' Dicembru 1944, residenti fil-fond No.106, Triq Ghajn Qatet, Rabat, Ghawdex u detentrici tal-karta ta'l-identita' bin-numru 945G**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Emanuela Cauchi li giet akkuzata talli nhar il-11 ta' Dicembru 2010 u fix-xhur u/jew snin ta' qabel gewwa r-Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer:

1. bieghet, ittrasferiet jew ikkunsinjat taht titolu li jkun arma regolari cioe' shotgun tal-ghamla Harring & Richard bin-numru AT408100 lil xi persuna li ma kellhiex licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal din l-imsemmija arma.

a. U aktar talli l-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna illi f'isimha ghandha irregistrata mal-Kummissarju tal-Pulizija l-imsemmija Shotgun tal-ghamla Harring & Richard bin-numru AT408100 naqset li izzomm fil-kustodja taghha din l-arma b'tali mod li ma tigix f'idejn persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti f'dina l-kawza jirrizulta illi missier l-imputata Emanuel Cauchi, illum mejjet, kellu diversi armi tan-nar irregistrati f'ismu. Gara illi ftit qabel il-mewt tieghu Emanuel Cauchi ittrasferixxa l-licenzji ta' l-armi tan-nar kollha li kellu fil-pussess tieghu fuq isem l-imputata u dana peress illi huha Raymond kien imsiefer. Dana sehh ghal habta tal-1989. L-armi tan-nar baqghu fid-dar fejn kienu, fl-istess vetrina. Gara illi wara l-mewt ta' missierha, l-imputata kienet imbaghad dawret il-licenzja ta' dawn l-armi fuq isem huha meta huwa gie Malta, izda kien hemm arma tan-nar wahda, u cioe' dik mertu ta' dina l-kawza li baqghet tidher irregistrata fuq isem l-imputata. Hija tghid illi dina l-arma tan-nar qatt ma ratha u m'hijiex fil-pussess taghha. Tghid illi l-armi tan-nar kollha li kellha li kienu ta' missierha ghaddiethom kollha lil huha Raymond. Madanakollu mix-xhieda tal-PS369 Joseph Mizzi u mill-licenzja esebita jidher illi f'isem l-imputata hemm arma tan-nar irregistrata u cioe' shotgun tal-ghamla Harring & Richard numru AT408100. [1]

[1] Ara licenzja Dokument JM1 a ols.14 sa 16 u xhieda tal-PS369 Joseph Mizzi a fols.13 u 23

Illi kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnha kif ukoll meta tixhed il-Qorti, l-imputata ssostni illi dina l-arma tan-nar hija qatt ma ratha u ma taf xejn dwar l-esistenza taghha.[2] Kull ma taf hu illi missierha kien dawwar il-licenzja tal-armi tan-nar tieghu fuq isimha peress illi huha kien imsiefer, imbaghad meta huha gie mis-safar hija dawret l-istess armi fuqu u ghaddiethom lilu. Illi l-Kapitolu 480 jipprovdi espressament x'ghandu jigri minn arma tan-nar wara l-mewt tal-*licensee* meta jinghad fl-artikolu 42:

"**Meta persuna li jkollha licenza biex izzomm arma regolari jew munizzjon tmut, l-eredi apparenti taghha jew il-kustodju, li tkun persuna li diga jkollha licenzja taht dana l-Att u li tkun giet mahtura minn dik il-persuna qabel mewtha, jinzammu legalment responsabbli ghal dik l-arma regolari jew munizzjoni u jitqiesu li qeghdin legalment izommu l-arma jew munizzjoni imsemmija bis-sahha tal-licenzja mahruga lill-persuna li tkun mietet:**

**Izda fi zmien sentejn mid-data tal-mewt tad-detentur tal-licenza l-eredi jew il-kustodju, skond il-kaz, ghandhom:**
**(a) jiddisponu mill-arma jew munizzjon billi jittrasferuha lil persuna li jkollha licenza ghal daqshekk; jew**
**(b) jaghmlu l-arma ma tiffunzjonax jew jikkonsenjaw l-arma jew il-munizzjon lill-Kummissarju:**"

Illi mill-provi akkwiziti jidher illi ghalkemm l-imputata dahlet biex tkun legalment responsabbli ghall-armi tan-nar li kellu missierha madanakollu hija ma haditx hsieb tara liema huma dawn l-armi u x'armi kien hemm irregistrati f'isimha. Lanqas biss indunat ghalhekk illi kien ghad hemm arma tan-nar irregistrata f'isimha li ma kinitx giet mghoddija lil huha meta sar it-trasferiment ghal fuq ismu. B'hekk ir-rizultat illum huwa illi hemm arma tan-nar li l-imputata ma tafx x'sar minnha u ghalhekk it-tieni akkuza tirrizulta ampjament ippruvata. L-istess ma jistax jinghad ghall-

[2] Ara xhieda ta'l-imputata a fol.19

ewwel akkuza billi ma hemmx l-icken prova fl-atti illi l-imputat bieghet jew ittrasferiet dina l-arma tan-nar lil xi terza persuna li ma ghandhiex licenzja. Fil-fatt l-imputata tghid illi lanqas biss taf li tezisti dina l-arma tan-nar u tistqarr li qatt ma ratha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputata ghalkemm responsabbli ghall-armi tan-nar kollha li kellha irregistrati fuq isimha madanakollu naqset milli tkun responsabbli ghaz-zamma taghhom tant illi illum il-konsegwenza tal-agir taghha huwa illi tezisti arma tan-nar li hadd ma jaf x'sar minnha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 47(1) u 51(8) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputata mill-ewwel akkuza, issibha hatja tat-tieni u tikkundannaha multa ta' €300.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------